**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 384/01 AJD**

**Eco-Pure Premium Water Company Limited**

**vs**

**(1) Raymond Buhagiar**
**(2) Horizon Trading Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici in solidum bejniethom s-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm132.13) rappresentanti l-bilanc dovut fuq kuntratt ta' bejgh u provista ta' ilma f'Thyme House, Triq ta' Paris, Zebbug.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm132.13), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Frar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**